MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Numru. 480/2012

**Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Stephania Carabott**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata Stephania Carabott ta’ 32 sena, mwielda Pieta` fil-21 ta’ Frar 1980, bint Carmelo u Ludgarda nee` Ciantar, residenti ‘It-Tina Farmhouse’, Hal Ginwi, Marsaxlokk u/jew Maisonette 1, Triq il-Mithna ta’ Caraffa, Luqa u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 136680(M):

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fit-3 ta’ Gunju 2012 u fix-xhur ta’ qabel din id-data:-

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputata bhala wahda li kisret kundizzjoni mposta fuqha b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Mag. Dr. S. Demicoli LL.D. nhar l-10 ta’ Novembru 2010.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fis-seduta tal-14 ta’ Mejju 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkonceditilha

zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba u terga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputata, u illi jidher minn dak sottomess waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, kemm da parti tad-difiza, kif ukoll tal-prosekuzzjoni, li l-imputata ghamlet kambjament kbir f'hajjitha, ghandha hajja stabbli u qeghda wkoll tistenna tarbija.

Illi min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputata, mil-liema jirrizulta illi l-istess imputata nstabet hatja f'hames okkazzjonijiet in konnessjoni ma' reati ta' serq u f'okkazzjoni wahda dwar pussess semplici ta' eroina u kokaina – f'dawn l-okkazzjonijiet kollha l-imputata jew tqieghdet taht Ordni ta' *Probation* (darbtejn) jew inghatat liberazzjoni kundizzjonata (tlett darbiet). L-imputata ghalhekk inghatat diversi opportunitajiet mill-Qrati u tenut kont ta' dan, fil-waqt li din il-Qorti ma thossx li piena karcerarja effettiva tkun idonea fic-cirkostanzi, lanqas ma thoss li l-imputata ghandha terga' tibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan apparti illi l-imputata nstabet hatja ta' reat taht l-Artikolu 3(3) tal-Kap. 279 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Novembru 2010, fir-rigward ta' liema hija ghal darb'ohra regghet inghatat liberazzjoni kundizzjonata. Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputata dwar dan ir-reat, wara li l-istess imputata kisret il-kundizzjoni mposta fuqha b'din is-sentenza ossia li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qieset ukoll illi mill-fedina penali aggornata tal-imputata[1], jirrizulta illi din kienet l-ewwel darba li l-imputata nstabet hatja ta’ reat taht l-imsemmi Artikolu 3(3) tal-Kap. 279 u ghalhekk ghandha tapplika fil-konfront taghha, bhala piena fir-rigward ta’ dan ir-reat, l-ewwel parti tal-Artikolu 10(2), ossia multa ta’ mhux izjed minn sitta u erbghin euro u disgha u hamsin centenzmu (€46.59).

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 3(3) u 10(2) tal-Kap. 279 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni (a) dedotta kontra taghha u tikkundannaha ghal piena ta’ multa ta’ sitt mitt Euro (€600) u qeghda titratta mal-imputata dwar il-ksur tal-kundizzjoni imposta fuqha b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija fl-10 ta’ Novembru 2010, billi tikkundannaha ghal piena ta’ multa ta’ erbghin Euro (€40), b’dan illi b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-multa totali ta’ sitt mija u erbghin Euro (€640) tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut miinnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Stante li ma gewx mahtura esperti f’dan il-kaz, il-Qorti qed tastjenti milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

---

[1] A fol. 13 u 14 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------